**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 30 ta' Novembru, 2016

**Il- Pulizija**
**(Spettur Gabriel Micallef)**

**-vs-**

**Maurice Attard, detenur tal-karta tal-identità numru 479064M**

Kumpilazzjoni Nru. 582/09

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Maurice Attard talli:

Nhar l-14 ta' Settembru, 2008, għall-ħabta ta' bejn id-9:00pm u l-10:00pm, bħala bniedem responsabbli mill-kumpanija magħrufa bħala 'Sonlit Ltd' li qiegħda fi Triq Wied il-Blandun, Paola, u li bħala bniedem responsabbli mill-armar strutturali tad-dawl li kien ġie armat u stallat fis-sit tal-parkeġġ li hemm biswit il-post magħruf bħala Ta' Fra Ben, Bugibba/Qawra, b'nuqqas ta' ħila, bi traskuraġni, jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti, immonta ħażin l-imsemmi armar strutturali tad-dawl bil-konsegwenza li dan waqa' għal fuq diversi nies cioe fuq Vladyslava Kravchenko u kkaġunalha offiża ta' natura gravi f'rasha u fix-xewka ta' daharha u li huma ta' natura diżabilità permanenti, kif ukoll ikkaġuna offiżi ta' natura ħafifa salv komplikazzjonijiet fuq Jenna Azzopardi, Graziella Abela, Duncan Galea, Claudia Muscat, Diadra Scorey, Jonathan Desira u Samantha Grima u dan skont ma kif verbalment iddikjaraw it-tobba Dr Stephen Muscat M.D., Dr Joseph Zahra M.D., Dr John Xuereb Curmi M.D., Dr Konrad Borg M.D. tal-Isptar Mater Dei u l-Isptar Ġenerali ta' Għawdex respettivament.

Rat in-nota tal-Avukat Generali tal-5 ta' Marzu, 2010[1], permezz ta' liema baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub fis-segwenti artikoli:

(i) Fl-artikoli 226 (1)(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(ii) Fl-artikolu 226 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta; u
(iii) Fl-artikoli 17, 31 u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti.

Semghet il-provi.

Semghet trattazjoni.

Ikkunsidrat-
Illi qabel xejn irid jinghad illi ghalkemm din il-kawza tirrigwarda reati li allegatament sehhew fl-14 ta' Settembru, 2008, l-istess kawza giet mismugha minn din il-Qorti, kif diversament presjeduta, u l-ewwel udjenza quddiem din il-Qorti, kif preseduta, giet mizmuma fit-23 ta' Frar, 2016.

L-imputat qieghed jigi addebitat bir-reati li kkaguna involontarjament feriti ta' natura gravi fuq Vladyslava Kravchenko kif ukoll li kkaguna involontarjament feriti ta' natura hafifa fuq Jenna Azzopardi, Graziella Abela, Duncan Galea, Claudia Muscat, Diadra Scorey, Jonathan Desira u Samantha Grima. Dan l-incident sehh fil- fil-parkegg tal-lokal maghruf bhala *Ta' Fra Ben*, il-Qawra, meta waqa' apparat li kien installat mill-kumpanija tieghu Sonlit Ltd., waqghet ghall-fuq in-nies li kienu qed jattendu ghall-party li kien qed issehh fil-parkegg.

Illi **Vladislava Kravchenko** xehdet li hi u shaba kienu ddecidew imorru ghal dan l-event *"We were a group of five (5) and* ***since it was windy*** *and the party was not really big, and me and Jenna Azzopardi decided to go in to see how it was... weren't even there for five (5) minutes, we just entered."* [2] Tiddeskrivi kif ghamlet 4 xhur l-isptar wara li soffriet griehi fl-ispina u kif tilfet kull sensazzjoni f'riglejha.[3]

Illi l-konsulent ortopediku **Frederick Zammit Maempel** xehed li Kravchenko kienet soffriet ksur f'darha fi tlett postijiet *"kienet kisret dahra fit-thoracic vertebrae 5,6,7,8 u kienet inqata n-nervituri ghal saqajha, jigifieri kienet paraplegika...baqghet maghna xi sitt gimghat fis-sala u mmobilizzajniha bhala wheelchair case u mbaghad marret ghand Galea Debono Neuro Rehabilitation."*[4] Ix-xhud jghid li fl-2009 kien gie osservat li kellha *"...fis-subgha l-kbir kien hemm a flicker, movement zghir. Sussegwentemnt ma hawn record li giet l-isptar..... Improvement zghir iva, minn ma tharrek xejn [ghajr] ghal*

[1] Vide Nota ta' Rinviju Ghall-Gudizzju fol. 258A
[2] Fol.88-89
[3] Fol.89-90
[4] Fol. 275

*flicker."*[5] Mr Zammit Maemple jispjega *"….din dahlet b'darha miksur u ahna tfajnelha ma nafx xi tuzzana (12) viti u zewg (2) vireg u allura gie darha stable, so the improvement we saw was the achievement of the operation. In-nervituri li taqta' ma jergax jigi, pero' ovvjament ….. kien fadal xi ftit nervituri tas-subgha l-kbir u ghalhekk kien hemm muviment.*" Ix-xhud ikklasifika l-griehi subiti minn Vladislava Kravchenko bhala **ta' natura gravi** u zied li minhabba n-natura tal-griehi hi kienet qed tigi segwita minn diversi professuri bhala Dr. Galea Debono minhabba il-*mobilisation* u l-Dr. Karl German ghal *uriniary problems*.[6] Il-**Professur Anthony Galea Debono** pprezenta rapport tieghu li juri li meta l-parte leza Vladislava Kravchenko giet ezaminata fil-21 ta' Frar, 2011, gie kkonstat li kellha *"a complete paraplegia from T.7 down…..a complete paraplegia at the level indicated above amounts to 75%…..and therefore **the permanent disability is 75%"***.[7]

Illi **Jenna Azzopardi** ukoll tikkonferma li dakinhar *"**Kien hemm hafna rih**. Ghamlet naqra xita wkoll…."*[8] u hi flimkien ma hbiebha inkluza Vladislava kienu dahhlu ghall-party wara li hallsu ghall-biljetti tad-dhul. Ix-xhud ukoll tikkonferma li kienu *"Quddiem nett"*[9] mal-palk u li l-incident gara biss ftit minuti wara li kienu dahhlu. Tghid li rat l-istruttura niezla u parti mid-dawl li kien installat fuq l-istruttura waqa' fuq rasha u peress li wegghet ukoll f'saqajha, ma setghetx timxi ghal 3 ijiem.[10] Gie esebit ukoll ic-certifikat mediku li juri li dawn il-griehi gew klassifikati bhala ta' **natura hafifa**.[11]

Illi **Duncan Galea** jixhed li hu kien xtara ticket u dahal ghall-party f'xi 8.30pm-8.45pm u f'daqqa wahda nizlet l-istruttura tad-dawl fuqu. Hu soffra griehi f'rasu *"kellhi thirteen (13) centimetres cut"*.[12] **Diandra Scorey** li soffriet daqqa fuq in-naha tal-lemin ta' rasha, tikkonferma dak li qalet ix-xhud Claudia Muscat li **ma kienux certi kienx ser issir il-party,** ghal liema kien hemm prezz tad-dhul, *"Ehe kien indeciz, **kien ghadu indeciz. L-ghajdut kienu dejjem…Minhabba r-rih, minhabba l-incertezza tat-temp**."*[13] **Dr. Stephen Muscat** kien ezamina lil Duncan Galea u lil Diandra Scorey fejn ikklasifika l-griehi mgarrba minn dawn iz-zewg persuni bhala **feriti hfief**[14] (Dok.PB5-6)[15].

---

[5] Fol.276
[6] Fol.277
[7] Fol.284-290. Ghalkemm fit-traskrizzjoni tax-xhieda jigi indikat li isem ix-xhud hu dak ta' Anglu Galea Debono, il-verbal datat 24 ta' Mejju 2012 (fol.280) meta gie esebit ir-rapport li sussegwentement gie kkonfermat nhar l-20 ta' Gunju, 2012 - fol.289, ir-riferti a fol.282-3, kjarament jindikaw li x-xhud hu had ghajr il-Konsulent Newrologista Dr Anthony Galea Debono.
[8] Fol.96
[9] Fol.98
[10] Fol.100-101
[11] Fol. 45 tal-proces verbal mmarkat bhala Dok. PB.
[12] Fol.121
[13] Fol.136
[14] Fol.218-219
[15] Fol.19-20 fejn anke kif jirrizulta mill-PIRS l-isem korret hu Diandra Scorey u mhux 'Deandra Scerri' kif indikat fit-traskrizzjoni. Fil-fatt Dr Muscat a fol.218-219 jikkonferma c-certifikati mahruga minnu a fol. 19 u 20, PB5 u PB6 fejn jindika ukoll in-numri tal-karta tal-identita` tal-pazjenti minnhu ezaminati.

**Illi Claudia Muscat** li ukoll soffriet griehi f'rasha wara li kienet attendiet ghall-party, xehdet li dakinhar *"....il-gurnata ma tantx kienet sabiha*[16]*...... ma kienx xemxi* ***kien ikrah. Kien bir-rih, ahna hsibna li l-party mhux ser isir infatti. Sa l-ahhar.*** *Morna hekk ahna biex naraw fetahx u kien miftuh, kien hemm ix-xita...hallasna entrance fee biex dhalna...Fejn is-soltu min jattendi l-parties jaf kemm hu kbir Fra Ben, is-soltu ikun mimli sa wara. Din id-darba kull ma kellu kwart biss mimli quddiem...Il-bicca ta' quddiem taht l-istage konna."*[17] In kontro-ezami tispecifika *"****Le mhux xi rih specjali normali****, just qisha ha tibda x-xitwa kien hemm mhux bhas-sajf hu tohrog filghaxija t-temp kalm,* ***kien hemm dik in-naqra rih*** *u naqra xita."*[18] Kopja tac-certifikat mediku mahrug minn Dr Joe Scicluna jindika li Muscat soffriet head trauma; feriti klassifikati bhala **hfief**.[19]

Illi **Jonathan Desira** ukoll jaghti rendikont kif f'waqt li kien ghall-party waqghet l-istruttura tad-dawl fuqu fejn soffra ksur fix-xewka ta' darhu u fejn baqa jsoffri minn ugigh anke wara.[20] Jikkonferma li *"It-temp kien imsahhab u kien* ***ghaddej daqxejn rih****...****U kien ghaddej daqxejn rih****."*[21] **Dr Joseph Zahra** li kien ezamina lil Desira ikklasifika l-griehi subiti bhala **feriti hfief** *"ghax kienu kollha go x-xaghar."*[22]

Illi **Graziella Abela** soffriet griehi fuq mohha fl-incident izda kienet irkuprat ghall-kollox. Iktar il-quddiem terga' tixhed u qalet li kull ma soffriet kienu *"naqra brix".*[23] filwaqt li **Samantha Grima** li soffriet griehi fuq rasha xehdet li kienet ghada tbati b'ugigh f'darha u rasha x'hin taghmel hinijiet bil-wieqfa.[24]**Dr John Xuereb Curmi** xehed li l-griehi mgarrba minn Grima, hematoma fuq in-naha ta' wara ta' rasha u qasma fuq xoffitha, kienu ta' **natura hafifa**.[25]

Illi l-Ispettur investigattiv **Paul Bond** xehed li kien meta kien sema' bl-incident mar fuq il-post fejn sab apparat ta' l-elettriku tal-metall mal-art. Kienet saret inkjesta magisterjali li kkonkludiet li l-imputat kellhu jwiegeb ghall-akkuzi odjerni. Lill-imputat kienet ittiehditlu stqarrija izda fuq skorta ta' decizjonijiet ricentemenet enuncjati l-istess stqarrija qed tigi skartata.[26]

Illi l-espert **Perit Richard Aquilina** kien acceda fuq il-post u kkonkluda li l-gharmar li kien inqaleb kien jikkonsisti f'zewg kolonni vertikali maghmula minnn *Box Girder Trusses* ta' 30cm x 30cm u twal 7.15m, spazjati 10.25m minn xulxin. Il-bazi kienet ta' 1.86m x 1.86m. Kien hemm ukoll *Box Girder Truss* orizzontali mqabbad ma' dawn it-

---

[16] Fol.126
[17] Fol.128
[18] Fol.129
[19] Fol.224
[20] Fol.131
[21] Fol.132
[22] Fol. 238
[23] Fol.250
[24] Fol.198
[25] Fol.206. Vide ukoll xhieda ta' **Dr Martin Cutajar**, fol. 232-234 u 260.
[26] **Il-Pulizija vs Joseph Camilleri**, Qorti tal-Appell Kriminali, Seduta tal-25 ta' Frar 2016, Appell numru 405/2014. Onor Imhallef Dr Edwina Grima; Decizjoni tal-Qorti Kriminali fuq Eccezzjonijiet Preliminari dwar l-Att t'Akkuza 17/2014 fl-ismijiet **Ir-Repubbika ta' Malta vs Ramon Fenech**, 02.06.2016.

*trusses* li kien qed jistrieh fuqhom f'gholi ta' 4.97m mill-art. Il-Perit kkonstata li kien hemm b'kollox **15 il-*spotlight* b'zewg *spotlights* ikunu kbar.** Ikkonstata wkoll li zewg kolonni vertikali kellhom ghafsa f'gholi ta' 1.74m minn isfel li b'hekk kienet tindika li l-istruttura li nqalbet il-barra kienet qrib ir-*railing* tal-palk. Jirrizulta, kif anke jikkonferma **PC1253 Frederick Brincat**, li l-istruttura kient giet mressqa lura sabiex tinghata l-ghajnuna lill-vittmi li sfaw mwegga meta din ghelbet ghal fuqhom.[27] Hu importanti li l-espert mahtur jikkonkludi li l-istruttura, li kienet giet importata mill-Italja, kienet mahduma skond l-arti u s-sena bil-kolonni jkollhom bazi ta' 1.86m x 1.86m. Jirrizulta izda li ***"Din il-bazi la kienet mwahhla mal-art u anqas mghobbija b'xi kontra piz."*** Izzid li **dak in-nhar tal-incident kien rih qawwi li kien qed jonfoh minn wara l-palk il-quddiem**.[28]

Illi l-espert Inginier **Claude Farrugia**[29] jispjega kif il-party kien beda ghal xi 4pm u l-incident sehh f'xi 8.50pm. Dakinhar kien gie registrat rih ta' bejn forza 4-5 bejn is-6pm u 9pm (fol.72-75).

Illi l-istruttura li ntuzat kienet tal-ghamla Trabes u kienet tikkonsisti fi *trusses* tal-aluminium li jigu assemblati permezz ta' accessorji f'modi differenti skond il-htigijiet tal-attivita` fejn tkun ser tintuza. Dan ifisser li mhix struttura *standard* u ghalhekk thalli lok ghall-flessibilita` kif tintrama'. Hawnhekk il-Qorti taghmel riferenza ghal dak li xehed l-imputat innifsu meta spjega: *" ..il-manifattur hija kumpanija Taljana ...Trabes SRL, u din taghmel din it-truss maghmula minn aluminium alloy u hija structure, f'dan il-kaz kienet a four point structure, ifisser li jkun hemm erba pajpijiet hoxnin, 50mm il-wiehed....Inti tuzahom kif trid, ghax inti timporta l-bicciet ta' two metres, ta four metres u imbaghad tarma skond kif ikun hemm bzonn....il-pilastri u l-mimdudin maghmulin mill-istess bicciet biex kollox jiffittja..."*[30]

Illi l-istruttutra kienet qed izzomm id-dawl li kien qed idawwal il-palk, u kien hemm 15 il-spotlight imdendel fuq it-*truss* il-mindud (orizzontali) li kien mizmum minn zewg 'torrijiet' **minghajr rbit *"halli tigi assigurata l-istabilita` taghha taht kundizzjonijiet ta' rih qawwi."***[31] Dan kien ikun ferm propizju galadarba it-torrijiet kienu joqghodu wieqfa biss permezz tas-saqajn li kif inghad mill-Perit Aquilina u anke mill-Inginier Farrugia kienu ta' 1.86m. Skond l-Inginier Farrugia il-hmistax il-spotlight imdendla fuq it-truss il-mimduda kellhom l-effett li l-istruttura sfat *"'top heavy', jigifieri li s-centre of gravity resqet il-fuq. Effett iehor tal-ispotlights kien li kabbar il-wicc ta' l-istruttura (surface area) li fuqu setgha jahkem ir-rih. Dawn il-fatti kellhom effett fuq l-istabbilita` tal-istruttura....l-istruttura tibqa stabbli sakemm is-centre of gravity tibqa bejn is-saqajn ta' l-istruttura. Huwa fatt stabbilit illi la darba is-centre of gravity ta' l-istruttura tkun il-barra mill-bazi tas-saqajn minhabba xi forza fuqha, is-struttura teghleb."*[32] Jikkonkludi li

[27] Fol.94, kif ikkonfermat mill-imputat innifsu mal-perit tekniku fol.39.
[28] Fol.40
[29] Rapport Tekniku Fol.62 et seq
[30] Fol.339-340
[31] Fol.64
[32] Fol.65-66

l-incident sehh dakinhar minhabba l-fatt li **minkejja li kien hafna rih l-istruttura thalliet minghajr irbit jew pizz biex jassigura l-istabbilita` taghha**.

Illi l-espert Farrugia xehed u kkonferma li *"**ma kien hemm l-ebda rbit bazikament**. Din kienet struttura wehidha, arch type of structure, ma kien l-ebda piz biex izzommha stabbli. Hi bhala struttura stabbli, bhala arch type structure pero` ovvjament peress li tkun qieghda armata fuq barra trid tikkunsidra l-elementi li hemm bazikament it-temp……Bazikament il-konkluzzjoni: peress li l-istruttura mghobbija minn fuq, ghandhek base zghir u allura tigi top heavy."*[33] Ikompli *"…Peress li kienet mghobbija u **peress li kienet ukoll armata fuq barra u allura wiehed ghandu bzonn jikkonsidra x'jista' jaqlibha din l-istruttura,** ….. Bazikament l-istruttura tidher li ma kellhiex bizzejjed support fil-qiegh ghax kienet mghobbija minn fuq."*[34] Fuq domandi mill-Qorti jikkonferma li kien jghin li kieku kellha base aktar tqil jew kienet intrabtet b' *guy ropes*, izda jirrizulta li ma kien hemm ebda irbit.

Jispjega li f'dan il-kaz fejn kellek struttura gholja, dejqa u mghobbija minn fuq ma kienx thalla laxk fejn din setghet titbandal bic-*centre of gravity* dejjem jibqa' fl-gholi. Stutturi ohrajn li jkunu fuq erba saqajn (u mhux tnejn bhal dik li ntuzat) kienu joffru aktar stabbilita` anke jekk ma jkollhomx irbit. Jiddikjara li ***"under wind conditions"*** **certament ma kienx good practice li jkollok a free standing structure li kienet mghobbija u minghajr irbit.**[35] Il-fatt li kellek il-'flood lights' mwahhla mal-orizzontali awmentat is-surface area meta din l-istruttura kellha small base (ta' 1.86m). *"Le, bazikament ghandhek ir-rih li gara tossilla u tista' tossilla b'tali mod illi taqbez is-center of gravity u mbaghad tinqaleb."*[36] B'hekk izzid *"The structure is stable as it is, **under no wind conditions** but obviously if you have an external force than you are like [recte: likely] to have oscillations"* bir-rih ikun propju an external force.[37]

In kontro-ezami Farrugia jixhed li kien iddownloadja il-katalgu tad-ditta Trabes li ghamlet dwan l-istrutturi minn fejn instab li din kienet *"lightweight structure lattice structure"*. L-istruttura li nstabet fuq il-post giet kkomparata ma dik fuq il-katalogu tad-ditta. Piz tal-istruttura jghid li ma kienx ha izda *"kienet itqal minn naha ta' fuq peress illi kien hemm din it-truss."* liema truss kienet mghobbija minn naha ta' fuq.[38] L-abbli difiza taghmel diversi domandi lill-espert dwar in-numru ta' spotlights li kien hemm mwahhla mat-*truss* u dan peress li fir-rapport tieghu jghid *li "Kien hemm madwar hmistax il-spotlight imdendla fuq it-truss..".*[39] Dwar dan din il-Qorti ma tara l-ebda inkonsistenza; Il-Perit Aquilina ukoll jikkonferma li kien hemm *"tlettax il-Spot Light ta' l-aluminium u zewg Spot Lights kbar suwed."*[40] Farrugia hu deciz u definittiv fir-risposti tieghu: *"….l-istruttura tidher cara kif kienet armata, zewg torrijiet, travu fuq u dwal fuqha, **ma kien l-***

[33] Fol.103
[34] Fol.104
[35] Fol.106
[36] Ibid
[37] Fol.107
[38] Fol.307
[39] Fol.63
[40] Fol.39 u jidru a fol.67 fir-ritratt nru.2

***ebda indikazzjoni li kienet marbuta u barra minn hekk kienet esposta ghall-elementi****. L-unika forza li kien hemm huma l-elementi bazikament ir-rih, kien hemm barrier….hija stand alone pero` wiehed irid jikkunsidra l-forzi li jkun hemm madwar l-istruttura……It is self-standing yes pero provided kif nerga nghid importanti din, dawn jintremaw kemm gewwa u kemm barra,* ***inti bazikament taghmel evalwazzjoni tar-riskji assocjati mal-attivita` u mal-istruttura****. U inti trid tikkunsidra x'jista' jkun hemm biex din l-istruttura tigi…l-istabbilita` ha tigi effetwata. Issa ovvjament qeghdin nitkellmu fuq barra, ….".*[41] Mistoqsi dwar jekk is-saqajn kellhomx weight jghid *"Le ma jidhirlix li kellhom weight."*[42]

Illi ghalkemm jiddikjara li hu ma ezaminax il-piz la tas-saqajn, la tal-istruttura, jew tas-surface area u lanqas tal-ispot lights, mistoqsi dwar kif gie kalkulat is-'centre of gravity' jghid: *"….is-centre of gravity [jigi kalkulat] by physics iggifieri din hija xi haga stabbilita m'hemmx ghalfejn nippruvaha jiena. Bazikament jekk inti ghandhek xi haga uniformi, simetrika, c-centre of gravity huwa dak il-punt li jigi fic-centru tal-istruttura. Jekk ghandhek ballun qieghed fin-nofs jekk ghandhek kaxxa qieghed fin-nofs xorta. Issa dan qed nitkellmu fuq travu twil, issa dan bazikament biex tibbilancja t-travu ic-centre of gravity ha jkun fin-nofs ghax hija simetrika. Issa hawnhekk qed nitkellmu fuq struttura li m'hijiex simetrika pjuttost hija top heavy peress illi ghandek it-torrijiet, travu fuq travu mghobbi bid-dawl. Hija struttura gholja konsiderevoli. Kienet gholja sebgha metri u t-truss kien gholi madwar hames metri mill-art. Allura awtomatikamnet la inti qbizt nofs l-gholi tat-torri l-weight kien in-naha ta' fuq bilfors kien top heavy. Din hija basic physics."*[43]

Illi l-Inginier Farrugia jibqa' jiddefendi l-konkluzzjonijiet tieghu billi jsejjes ir-rapport tieghu fuq principji bazilari fil-fizika. Kien ghalhekk li skond hu l-fatt li ma kkalkulax is-*surface area* ma jbiddilx il-fatt li l-istruttura kienet *top heavy*, fejn **l-istabbilita` tal-istruttura kienet tiddependi mhux biss mill-forza tar-rih izda anke id-direzzjoni tar-rih**. Ghalkemm ma kienx jaf il-piz tas-saqajn jew tal-bazi tal-istruttura jibqa' l-fatt li galadarba din kienet *top heavy*, kellhom jittiehdu aktar mizuri biex tigi assigurata l-istabbilita` taghha. Fi kliemu *"Ifhem is-centre of gravity zgur kienet in-naha ta' fuq."*[44] Minkejja il-fatt li din l-istruttura ma waqatx f'xi hinijiet meta ir-rih kien aktar b'sahhtu l-Inginier jattribwixxi dan *"Kif qed nghid dan jiddependi minn hafna fatturi mhux biss ir-rih anki id-direzzjoni tar-rih. U jekk kienx hemm gust jew le."*[45] Jidwi dak li rrelata dwaru l-Perit Aquulina u cioe' li meta sehh l-incident kien hemm **rih qawwi jonfoh minn wara l-palk il-quddiem.**[46]

L-espert Farrugia jispjega li minkejja l-fatt li dawn it-tip ta strutturi mhux *standard* u jintremaw b'dawk l-accessorji li jkunu mehtiega ghall-attivita` partikolari, fejn jistghu jitpoggew fuq barra jew anke indoors, ma jfissirx li ma ghandhiex tittiehed

[41] Fol.311
[42] Fol.311
[43] Fol.313
[44] Fol.314
[45] Fol.316
[46] Fol.40

konsiderazzjoni tar-riskji li l-post fejn tigi kostruwita ikun suggett ghalihom, b'mod partikolari l-external forces:
*"Xhud: Weight bazikament ha tibqa hemmhekk kemm gewwa kif ukoll barra ghax l-istruttura hi dik li hi...*
*Qorti: Il-fattur principali huwa r-rih imma.*
*Xhud: Ir-rih mbaghad ovvjament jista jkun hemm in-nies pero f'dan il-kaz ir-rih."*[47]

Mistoqsi mill-Qorti dwar kif qed jghid li parti minn dak li gara kien il-piz zejjed fuq it-*truss* peress li kien *top heavy* (tenut kont li dan kien maghmul biex jiddendlu anke spotlights mieghu), meta ma kienx kkalkula l-piz tal-ispotlights, Farrugia jispjega: "*Iva huwa maghmul biex idendel affarijiet fuqu imma jekk inti ha timbotta xi haga, xi haga teghleb jekk timbotta tista' tkun tqila kemm hi tqila ghax xi haga ha teghleb jekk timbutaha."*[48] Fil-fatt in ri-ezami jkompli jispjega: ***"Meta wiehed jista' jikkonsidra l-forza tal-elementi wiehed jaghmel piz in-naha t'isfel bhal sand bags per ezempju jew inkella s-sistema tintrabat bis-sistema tal guy ropes halli jkun hemm lateral support.....inti ir-riskju qatt ma telliminah pero*** ***<u>timminimizah </u>li haga bhal dik tinqaleb****.... Pero l-fatt jibqa li jekk inti torbotha struttura qed tnaqqas mill-oggett jiccaqlaq, lagenba, inti* ***qed izzid l-istabbilita`****. Issa jrid ikun hemm forza li altru teccedi l-force tal-cables jew tas-sand bags biex tinqaleb .....inti aktar qed tistabilizza l-istruttura peress illi qed taghmel dawn l-affarijiet. Jew haga jew ohra jew it-tnejn...."*[49]

Rega' mistoqsi mill-Qorti dwar ghaliex jibqa jinsisti li ghalkemm l-istruttura kienet mibnija u armata skond is-sengha, xorta kellhom jittiehdu prekawzjonijiet ulterjuri biex tigi garantita l-istabbilita`, minghajr tlaqliq l-espert Farrugia jghid: *"Le jiena ghidt li din l-istruttura hija wahda disenjata biex taghmel dan it-tip ta' xoghol, pero* ***it is stable as a stand alone with no lateral forces, ovvjament kull haga tinqaleb kif ghidt, jiddependi mill-external force, mis-sahha li qed tezercita fuq l-ogett, issa inti hemm possibilita` li hemm sahha li m'ghandhekx kontroll fuqha fir-realta` bhar-rih, jigifieri r-rih inti m'ghanhekx control fuqu, inti trid tiehu l-mizuri biex l-oggett tistabilizzah ghal li jista' jinqala'....*** *".* Mistoqsi mid-difiza dwar il-piz mehtieg biex issir dan jghid li *"Dak ghandu jsir waqt il-kalkoli tad-design tal-istruttura tkun qed tintrama....."* kif ukoll dwar il-fatt li kien hemm hinijiet matul il-gurnata fejn ir-rih kien ta' forza akbar jerga jiddikjara ***"Jista jkun pero jibqa l-fatt li r-rih inti ma tkunx taf minn fejn hu gej."***[50]

Illi ghalkemm ir-rapport mill-Meteorological Services[51] jindika li ghall-habta tat-**15:00 GMT (<u>5pm hin lokali) kienet registrata buffura ta' 32 knots</u> (mid-dokument a fol.74 dan hu klasifikat bhala <u>'near gale' b'forza 7</u>)**, minn imkien ma jirrizulta id-direzzjoni tar-rih fil-hin tal-buffura u li <u>ghalhekk kif qal Farrugia kollox kien jiddependi mill-forza u d-direzzjoni tar-rih</u>. Madanakollu l-indikazzjoni tkun li r-rih dak il-hin kien

---

[47] Fol.320
[48] Fol.321
[49] Fol.323
[50] Fol.323
[51] Fol.72

mill-majjistral kif imbaghad kompla sa 24:00 GMT (2am tal-15 ta' Settembru, 2008). L-istess rapport juri li r-rih lahaq il-21knots ghall-habta tat-8pm hin lokali (18:00GMT) u ma nofs il-lejl kien niezel ghal 13 knots. Jidher ghalhekk li ma giet registrata ebda buffura ohra ta' xi forza konsiderevoli wara dik registrata ghall-habta tal-5pm.[52] **Certament il-fatt wahdu li gja fil-5pm ir-rih kien zied, u kien hemm din il-buffura, kellu jkun bizzejjed sabiex wiehed issahhah l-istabbilita` tal-istruttura.**

Illi **Reuben Grima** jixhed li dakinhar tal-incident hu kellhu jaghmel *performance* fil-party li kien qed jigi organizzat hdejn Ta' Fra Ben u jghid li l-istruttura li ntuzat kienet tal-hadid u *"generalment tkun simili"* ghal dawk l-istrutturi li kienu jintuzaw f'avvenimenti bhal dak li gie organizzat. Grima jghid *"kienet gurnata b'hafna rih sa fi x'hin tlajt biex naghmel il-performance tieghi kien kollox normali r-rih hassejtu".*[53] Ikompli li hu kien mar fuq il-post ghal xi 8.30pm *"jekk mhux sejjer zball xi tmenja u nofs (8.30), nimmagina mort xi fifteen minutes qabel bejn wiehed u iehor…Kien ir-rih"*[54] Grima jghid li ghal bidu *"Ma kienx hemm [rih], il-haga hi meta mort jien r-rih thossu."*[55] u jzid li kemm il-darba saru avvenimenti fi granet bir-rih. Dakinhar izda *"Li niftakar imma f'daqqa wahda ghamel hafna u hafna rih buffura jew rifnu u sfortunatament waqqghet l-istruttura li kien hemm. Imma kien hemm gurnata bir-rih ehe."* [56]

Grima kien rega xehed f'Novembru, 2014, aktar minn sitt snin wara l-incident (u hames snin wara li kien xehed l-ewwel darba). Jikkonferma li dak inhar hu kellhu jaghti l-performance ghal xi 8pm u r-rih *"Kien normali hassejtu ftit naqra zghira pero mhux li tippanikja li tghid kemm hawn rih jew hekk…..Le mhux li tghid uff x'rih hawn. Lanqas xejn ghax kienet haga normali li f'dan il-post kemm il-darba saru events…".*[57] Ix-xhud jghid li hu kien anke hass il-palk minn fejn kien qed jaghti l-'performance' jirtriegħed u l-apparat fuqu beda jiccaqlaq; jiddeskrivi fuq suggeriment tad-difiza li hassu diehel fi tromba *"…Ezatt speci ta' tromba meta ghandhek filli xejn u filli ha tidhol go l-ghajn ta' xi haga hassejt qissu ha nidhol fi spiral, tromba x'tghidilha?...filli kollox normali filli f'daqqa wahda hassejt xi haga li qatt ma hassejtha qabel, again nerga nghidlek hassejt [il-palk] ticcaqlaq, mhux ha nghidlek inqatghet minn mal-art ghax its quite a solid straucture qed tifhem…ccaqalqet sewwa, ccaqalqet sewwa bl-apparat b'kollox li kien hemm fuqha."*[58] Issa dan il-palk kien tal-hadid u maqtuh minn mal-art, pero` mhux ta' xi toqol partikolari tant li anke hu seta jerfghu wahdu.[59] Ftit sekondi wara, jghid li ra it-*truss* niezel, *"..nimmagina mad-daqqa tar-rih imbaghad…"*[60]. Interessanti dak li jghid Grima li hekk kif ikkalma r-rih waqghet it-truss *"Ikkalmat, ghax kienet xi haga all of a sudden….imbaghad f'daqqa wahda rajt it-truss niezel."*[61]

---

[52] Fol.72
[53] Fol.209
[54] Fol.211
[55] *Ibid.*
[56] *Ibid.*
[57] Fol.359
[58] Fol.361
[59] Fol.360
[60] Fol.361
[61] Fol.362

Illi ma jistax ma jinghatax importanza d-dettal moghti minn Grima meta mistqosi mill-Qorti dwar kemm il-darba ta performances b'din it-*truss*, b'dan jirrispondi li kien ilu jsir dan ghal madwar erba jew hames snin izda qabel kien isir fil-pjazza ta' Bugibba u kien xi zmien wara li mexa ghal hdejn Ta' Fra Ben.[62] Jikkonferma li hu xogholu kien biss bhala *disk jockey* u ma involva ruhu qatt fl-armar ta xi strutturi; fil-fatt kien immur fuq il-post xi kwarta qabel ma tkun ser tibda l-performance tieghu. Ikompli li anke hu gieli qabbad lil Sonlit ghax kienet il-kumpanija li kellha dak it-tip ta' armar. Dakinhar izda hu ma rax din l-istruttura tintrema.[63] Importanti wkoll hu d-dettal li meta uza dawn l-istrutturi, kif semma anke l-ewwel darba meta kien xehed, jghid li hu uzahom indoors fejn anke kien hemm okkazzjonijiet li l-istruttura kienet intremet izghar peress li l-lokal kien mghotti hafna.[64] Kien ghal fatt li kien jahdem indoors li qatt ma ddiskuta weather conditions ma Sonlit Ltd. Jammetti li ghalkemm daqq kemm il-darba f'events fejn haddmuhom Sonlit, *"…imma ma naghtix kaz hux ghax mhux l-event tieghi, mmur indoqq niehu l-paga u nitlaq l'hemm ma nidholx fiha."*[65]

In kontro-ezami izda, kif gja kellha okkazzjoni tirrimarka din il-Qorti aktar il-fuq, Grima ma kienx f'posizzjoni jispjega ghaliex l-ewwel darba li xehed (sena wara l-incident) kien qal li kienet gurnata b'hafna rih u fit-tieni xhieda tieghu (6 snin wara l-incident) jaghti l-impressjoni li ma kienx xi rih partikolari: *"Okay, mela bhal ma ghidt int ghadda naqra zmien mhux hazin issa qed tifhem ….. ma nistax niftakar ezatt ghax mohhi kien litteralment fuq dawk il-hames sekondi, dik il-buffura ta' rih li gara qed tifhem?"*[66] Filwaqt li mistoqsi kienx aktar preciz meta xehed fil-2009, aktar qrib id-data li sehh l-incident, jwiegeb *"Ifhimni jista jkun."*[67] Ix-xhud jikkonferma li l-post fejn intremghet it-*truss* kien wiehed espost, in *open-air*, u hu bhala DJ kien idoqq naqra lura mit-truss u ma kien ikun hemm xejn fuqu. Mistoqsi dwar l-irbit li seta' kellhu it-truss jghid *"….jiena naf li jkollu s-saqajn, u rbit nimmagina li jintrabat ma' x'imkien ….".*[68] Fl-ahhar tax-xhieda tieghu jispjega ghaliex jghid hekk***:"…meta ghamilt events jiena l-ewwel haga li ssir meta tigi biex jitpogga t-truss apparti s-saqqajn, dan jippruvaw jintrabat ma x'imkien ukoll biex ikollok a double safety feature,*** *again milli niftakar fl-events tieghi. Ovvjament dakinhar ma kienx event tieghi jigifieri ma mortx nittawwal it-truss kif inhu….".*[69]

Il-Qorti tqis li l-ewwel xhieda li ta Grima f'Ottubru 2009, hi korroborata minn dak ikkonstat mill-Meteorological Office (Fol.72) u li fil-fatt kienet gurnata b'rih konsiderevoli. Fl-istess waqt tara li ma hemm xejn kundannabbli fil-fatt li avvenimenti simili jsiru fi granet meta jkun ir-rih, fejn seta kien il-kaz li kellha tintrema struttura simili. Dak li d-dovuta prudenza kellha tirrikjedi kien li kwalunkwe struttura uzata kellha tkun stabbilizata bizzejjed biex tilqa' ghall-elementi biex b'hekk jigi skansat kwalunkwe periklu.

---

[62] *Ibid.*
[63] Fol.363
[64] Fol.364
[65] Fol.368
[66] Fol.366
[67] *Ibid.*
[68] Fol.367
[69] Fol.369

Illi **Maurice Attard** ghazel li jixhed u spjega kif flimkien ma ohtu, kien direttur fil-kumpanija Sonlit li xogholha kien li jissuplixxu generaturi u *power supplies*, armar fi dwal fuq *truss*, kif ukoll kiri ta dawl ghall-attivitajiet fuq barra u *indoors*. Kien jiehu hsieb l-armar u wara jzarmah minn fuq il-post. F'ghoxrin sena f'dan il-mestjier qatt ma kien hemm incidenti. Hu spjega kif meta wiehed ried is-servizzi ta' Sonlit kien immur fuq il-post jiltaqa' ma kuntratturi ohra u flimkien kienu jiddiskutu kwistjonijiet logistici inkluz dwar temp.

Illi fir-rigward tal-attivita` mertu ta' dawn il-proceduri, l-imputat jiddeskrivi kif gimgha qabel l-avveniment hu kien ltaqa mal-organizzaturi u meta ra li l-previzzjoni tar-rih kienet ta bejn Forza 4-5, kien infurmahom li kien ser jiehu *"decizjoni gurnata qabel biex ikun iktar vicin l-avveniment pero jekk ha jibqa' r-rih kif inhu jiena niehu mizuri ta' sigurta`."*[70] Hu indika lill-organizzaturi li jekk ir-rih kien ser ikun kif previst kien ser jiehu mizuri *"fosthom li t-truss orizzontali ma kontx ha nghollija kif suppost imma ha nbaxxiha biex is-centre of gravity tas-saqajn nbaxxijha kif ukoll affaraijiet ...ta' surface area kbira, ma kontx ha nhallihom jehlu mat-truss....affarijiet bhal, fil-kaz li m'ghandhux x'jaqsam mad-dawl, banners ta' riklami jew bnadar, screens tal-vision, kif ukoll dak li ghandhu x'jaqsam mad-dawl, dawl li ghandu surface area kbir, flok dendilnieh ghamilnieh fuq l-istage mhux imdendel bhal dak li jghidulu laser, u li jghidulu moving head."*[71]

L-imputat jikkonferma li ghalih rih ta forza 4 sa forza 5 ma kienx ser izommu milli jarma l-istruttura ghax skond hu kienet tiflah ghal rih simili. <u>Il-Qorti tinnota izda li ma jghidx xejn izda dwar kif kellha tkun armata u marbuta sabiex tigi assigurata l-istabbilita` taghha!</u> Hawnhekk mhux il-fatt li giet armata f'dan it-tip tar-rih li qed jigi kkontestat izda l-mizuri u l-mod kif kellha tigi **armata u stabbilizata sabiex tilqa' ghal irjihat f'post espost ghall-elementi bhal ma kien il-lok fejn sar l-avveniment in kwistjoni**!

L-imputat ikompli jixhed li anke sa lejlet il-party il-previzzjoni baqghet bejn forza 4 u 5 u ghalhekk hu rama t-*truss*, <u>lejlet l-avveniment</u>,[72] bil-prekawzjonijiet li semma qabel fejn baxxa it-*truss* orizzontali u fejn l-ispeakers u screens ma ddendlux.[73] <u>Wiehed jistaqsi - Jekk ha dawn il-prekawzjonijiet, ghaliex ma hax hsieb jirrendi aktar sigura u stabbli l-istruttura permezz ta' rbit jew mqarr *sandbags*?</u> L-imputat jghid li mal-lejl ir-rih kien aktar qawwi milli kien dakinhar tal-incident izda mal-lejl l-istruttura baqghet f'postha. Harsa lejn id-dokument esebit a fol.73 izda juri li mal-lejl (00:00 GMT; 2am) u minn tal-inqas sas-2pm (hin lokali; 12:00 GMT), <u>12 il-siegha shah, ir-rih kien forza 2-3 u varjabbli (SSW, SE, WNW, SSE, SE SSE, S)</u> u ghalhekk dak li jiddikjara l-imputat **mhux komfortat mill-fatti**.

70 Fol.334
71 Fol.335
72 Fol.337-338
73 Fol.337

L-imputat spjega li l-kumpanija kienet ttik certu *load bearing* u l-*load bearing* taghtihulek f'zewg modi u cioe' jekk tigi armata f'erba metri il-*load* kien ta' certu piz jew inkella tindikalek tant kilos per *running metre* u dan skond skeda li wiehed irid issegwi.[74] Dwar dan izda ma giet prezentat ebda skeda jew dokument iehor li seta' jwassal sabiex jigi determinat jekk effetivament dawn il-linji gwida gewx segwiti, ghalkemm fl-ahhar mill-ahhar u kif gja gie rilevat wiehed kellhu jiehu kont tal-ambjent li fih tkun giet armata, inkluz l-elementi sabiex is-sigurta` taghha tigi mharssa. Attard, simili ghal dak li xehed Reuben Grima, jghid li ftit wara li kien nizel minn mal-pajp orizzontali tat-*truss* ghax kien mar idawwar spotlight, inhasset tromba li sahansitra anke kienet ikkawzat li jaqa scaffolding ta' blokka apartamenti li kienu qed jinbnew wara id-Dolmen Hotel. Dan l-akkadut hu spjegat f'dettal minn oht l-imputat. Izda tenut kont tal-fatt li l-Qorti ma ghandha l-ebda dettal dwar l-istess incident, f'hiex kien jikkonsisti dan l-iscaffolding, ma fejn kien armat, kif kien armat u fuq kollox x'kienet verament il-kawza ta' dan, ma jimmilitax kontra l-obbligu li kellhom jittiehdu l-prekawzzjonijiet kollha mehtiega rigward l-istess struttura armata minn Attard f'Ta' Fra Ben. Jibqa l-fatt li l-istruttura kienet f'post espost, **b'rih li fit-8pm kien ta 21 knots u li kien gej minn wara l-palk**! Jerga jigi sottolinejat li ghajr ghal buffura registratat fil-5pm ma kien hemm ebda buffura ossia tromba registrata mill-Meteorological Office izda **r-rih kien qed ilahhaq il-forza 5 fil-hin tas-sinistru (fol.72-73),** li ma jistax jinghad li hu insinifikanti partikolarment f'post miftuh fil-berah.

In kontro-ezami meta mistoqsi dwar il-kwalifiki li dan ghandu sabiex jarma dawn l-istrutturi jghid li hu kien xtraha l-istruttura fil-1999 fejn kien inghata *"knowledge ta kif tarma struttuti bhal dawn"* izda jkompli jspejga li *"kont insiefer regolarament biex nara x-xoghol gdid u affarijiet hekk, tul il-karriera."*.[75] Bid-dovut rispett **taghrif** dwar kif tarma struttura certament ma jissararfx u ma jinbiddilx f'**tahrig** minn fejn wiehed jakkwista l-kwalifici necessarji fil-mestjier tal-armar ta' strutturi simili. Tant hu hekk li jkompli jiddeskrivi f'hiex kienu jikkonsistu dawn is-*"seminars"* li attenda ghalihom: *"U kull meta kien ikolli cans u nkun barra u jkun hemm dawn is-seminars waqt is-sale conferences, break outs zghar dejjem attendejt....nahseb tnax il-wiehed throughout the years mort zgur fuqhom".* Jekk wiehed iqis li fi kliemhu stess kien ilu f'dan ix-xoghol (ma missieru) sa mill-1989 u mas-Sonlit sa mill-1993[76] dan hu numru relattivament zghir, lanqas jammonta ghal seminar fis-sena! Fuq kollox meta jitqies li minn imkien ma jirrizulta li dawn kienu xi forma ta' *training courses* - fejn allura wiehed seta' jottjeni xi forma ta' certifikazzjoni -izda pjuttost *demonstrations* ta' kif ghandhom jigu armati tali strutturi, il-Qorti tasal sabiex tqis li t-twegiba ghad-domanda tal-prosekuzzjoni kienetwahda fin-negattiv.

Illi **Charmaine Attard** oht l-imputat iddeskriviet kif ghal xi 9pm meta kienet f'appartament fil-kantuniera fi Triq it-Turisti, faccata taghha kien hemm struttura bi scaffolding li kienet fuq il-faccata ta' bini maghruf bhala ta' Gove li fih madwar 5-6 sulari, mghottija b'materjal ahdar, *"f'daqqa wahda weraq u karti bdew itiru giet bhal*

[74] Fol.340
[75] Fol.353
[76] Fol.330

*tromba fernezija ta' karti, weraq u sigar jiccaqalqu ghax hemm dawk is-sigar ta' quddiem id-Dolmen u fl-istess hin…din l-istruttura kkolassat f'dak ir-rih tromba …ghax la beda jdur kienet tromba….xejn ikkollassat qisek qed tara bini niezel".*

Illi dan il-kliem ifakkar lill-Qorti dwar dak li skond il-Meteorological Office[77] hu l-konsegwenza ta' Forza 5 b'*wind speed* ta bejn 17-21 knots meta jindika li 'on land' dan kien rih li jista' jigi deskritt bhala *'small trees in leaf begin to sway' u cioe' li* ***sigar*** *zghar bil-weraq jibdew* ***jiccaqalqu minn naha ghall-ohra.***

Illi dwar l-kollass ta' dan l-iscaffolding izda ma ngabet ebda prova kif inghad. Il-fatt li sehh dan fi Triq it-Turisti, Bugibba (certament mhux post ghall-apert bhal ta' Fra Ben, fejn jerga jinghad li dwar dak li sehh id-dettalji huma mankanti ghajr ghax-xhieda ta' din ix-xhud), il-Qorti qatt ma tista' tasal sabiex tezonera lill-imputat mir-responsabbilitajiet tieghu fuq l-armar tal-istruttura li kien hu li rama' f'jum fejn xejn aktar minn 4 sighat qabel (15:00 GMT; 5pm hin lokali) kienet giet registrata buffura ta' 32knots!![78]

Illi l-imputat qajjem id-difiza tal-*"casus"* u dan peress li t-*truss* ma waqghetx meta r-rih kien iktar qawwi izda waqghet biss meta giet buffura. Fl-aghar ipotezi d-difiza tikkontendi li jekk kien hemm xi forma ta' negligenza din hi culpa levissima li hija ekwiparabbli ghal casus u ghalhekk ma jirrizulta ebda reat kriminali.[79]

Inkwantu ghall-imputazzjonijiet migjuba, din il-Qorti se tirreferi ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Perit Louis Portelli, B.E &A., A&CE:**[80]
"Hu mehtieg ghall-kostituzzjoni tar-reat involontarju, skond l-artikolu 239 tal-Kodici Penali, illi tirrikorri kondotta volontarja negligenti – konsistenti generikament f'nuqqas ta' hsieb ("imprudenza"), traskuragini ("negligenza"), jew ta' hila ("imperizja") fl-arti jew professjoni jew konsistenti specifikatament f'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti – li tkun segwita, b'ness ta' kawzalita`, minn event dannus involontarju.

Ghandu jigi premess illi, ghall-accertament tal-htija minhabba f'kondotta negligenti, ghandu isir il-konfront tal-kondotta effetivament adoperata ma' dik il-persuna li s-sapjenza rumana identifikat mal-"bonus pater familias"; dik il-kondotta, cioe` ili fil-kaz konkret kienet tigi wzata minn persuna ta' intelligenza, diligenza u sensibbilita` normali; kriterju dan li, filwaqt li iservi ta' gwida oggettiva ghall-gudikant, ihallieh fl-istess hin liberu li jivvaluta d-diligenza tal-kaz konkret. "La diligenza del buon padre di famiglia costituisce un criterio abbastanza indeterminate per lasciare al giudice gran liberta` di valutazione" (Giorgi, Teoria delle Obbligazioni, II, 27 p.46).

Applikat ghall-professjonista`, dan il-koncett huwa espress f'dawn it-termini minn **Eddy**, "Professional Negligence" (ed.1956, p.2):- "…..a man or a woman who practises a profession is bound to exercise the care and skill of an ordinary competent practitioner in that capacity";

---

[77] Fol.74
[78] Fol.72
[79] **Il-Pulizija vs Carmel Bugeja**, App. Krim. 02.02.1984
[80] 4.02.1961 per Onor. Imhallef Dr. J. Flores. Kollez. Deciz Vol.XLV.iv. 870, 903

…..illi l-attivita` professjonali ma dgawdi ebda posizzjoni specjali quddiem il-ligi penali, u li l-professjonista` bhal kull cittadin iehor, ghandu l-obbligu strett li fil-kondotta professjonali tieghu huwa juza skrupolozament ir-rizorsi tieghu kollha skond ma tkun tirrikjedi s-sitwazzjoni……huwa l-apprezzament tac-cirkustanzi partikulari tal-fattispecje, bid-diffikultajiet u relattivitajiet taghhom, li jiggwidaw lill-gudikant biex, fuq il-kriterju tal-"bonus paterfamilias", kif espost, huwa jkun jista jiddetermina jekk in-ness ta' kawzalita` bejn il-kondotta u l-event tal-kaz konkret ikunx assodat jew le; u fil-kaz prezenti, jekk giex pruvat illi l-event dannuz jirrisali necessarjament ghall-kondotta tal-appellant bhala kawza guridika tieghu;

…Huwa obligu specifiku ta' kulhadd illi juza fl-agir tieghu dik id-diligenza li s-sitwazzjoni tissuggerixxi ghall-prevenzjoni ta' pregudizzju ghal-terzi. Hija kultant il-ligi stess li permezz ta' preskrizzjonijiet u divjeti tiddixxiplina l-attivitajiet individwali f'kamp determinat; u f'dal kaz ikun negligenza, bhala element tal-kolpa, in-nuqqas ta' tharis tal-precett tal-ligi. Fejn dan il-ligi ma tghamlux, tkun tikkostitwixxi negligenza dik il-kondotta li l-generalita` tal-ohrajn tajba tal-istess kategorija ma kienitx tadopera fic-cirkostanzi. Dan il-kriterju jindika l-limiti tar-responsabbilita` kolpuza, u fl-istess hin jiddetermina d-diligenza indispensabbli biex jigu evitati sanzjonijiet legali; u waqt li jiddixxplina l-kondotta individwali, ihalli lok ghall-apprezzament ta' diffikultajiet u probabilitajiet tas-sitwazzjoni konkreta. Meta wiehed, quddiem kaz prattiku, iqies ic-cirkostanzi jadopera ruhu kif generalment kien jaghmel "vir bonus" tal-istess kategorija, u jifforma konvinciment; jekk mbaghad jirrizulta li l-kondotta tieghu ma kienitx obiettivament adatta ghall-kaz konkrett, huwa ma jirrispondix ghar-rizultat. F'dan il-kaz il-konvinzjoni ragunata, jew dik li komunemenet tissejjah ic-"certezza morali", kif distinta mic-"certezza obbiettiva", tkun sufficjenti biex teskludi l-imputabbilita`. Din il-konvinzjoni trid tkun bazata mhux fuq innuqqas ta' impenji ghall-iskoperta` tar-realta`, imma fuq il-verosimilianza soda li, a bazi ta' elementi esterni, is-sitwazzjoni tkun tipprezenta.

Dan l-istess kuncett iservi mbaghad ta' gwida biex jigi stabbilit fil-kaz partikulari n-ness ta' kawzalita`bejn ir-rizultat u l-kondotta tal-agent. Presuppost ta' dan in-ness kawzali huwa komportament guridikament negligenti; fejn dan ma jezistx ma jkunx hemm quddiem il-ligi dak in-ness, u allura l-event dannuz johrog mill-limiti tal-imputabbilita` u jkun jirraprezenta l-fortuwitu.

L-element fortuwitu spiss jiddetermina sitwazzjoni. Dan partikolarment jissuccedi fl-ezercizzju ta' attivitajiet professjonali, fejn f'ram aktar minn iehor, il-professjonista` huwa kontinwament konfrontat minn esigenzi, diffikulatjiet u relattivitajiet ta' metodi, u espost ghall-azzjoni ta' elementi injoti."

Illi fis-sentenza **Ciantar v Gatt**[81] gie citat l-**Chirani** li qal:
*"L'efficacia del caso fortuito e della forza maggiore, o dello stato di necessita', quali mezzi liberatori delle responsabilita, cessano quando questi avvenimenti siano preceduti da dolo o colpa dell'agente… Il fatto illecito si conobbe allora al comportamento giuridicamente anormale, ne sara valevole l'eccezzione liberatoria perche' inutilizza dal dolo o dalle colpe precedente…."*

Issir riferenza ukoll ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Ludwig Micallef**[82] li ghalkemm kien kaz li jirrigwarda incident stradali, l-principji hemmhekk enuncjati xorta jsibu applikazzjoni ghall-procediment odjern:

---

[81] Qorti tal-Appell Civili; 15.05.1926, per Onor. Imhallef Luigi Camilleri

[82] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fis-17 ta' Awwissu 2010, Nru 753/2006 per Onor. Magistrat Dr. Consuelo-Pilar Scerri Herrera. Il-konsiderazzjonijiet legali maghmula minn din

"Jispetta ghalhekk lill-Prosekuzzjoni tipprova b'mod konklussiv illi l-incident li fih miet Clifford Micallef sehh unikament jew almenu in parti, tort ta' negligenza, traskuragni w nuqqas t'osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-imputat li tajjarha.

Sabiex tipprova dan il-Prosekuzzjoni ma tistax tistrieh fuq dak li l-Qorti tista' tahseb li gara, ghaliex il-gudikant irid necessarjament jiddeciedi *iuxta allegata et probate*. Id-dover tal-Prosekuzzjoni hu allura li jipprezenta quddiem il-Qorti, kaz konvincenti u pprovat li adegwatament jistabilixxi l-htija tal-imputat ghall-akkadut, li tipprova kondotta voluntarja, negligenti, konsistenti generikament f'nuqqas ta' hsieb 'imprudenza', 'negligenza' jew 'traskuragni' jew ta' hila, ta' 'imperizja' fl-arti jew professjoni jew konsistenti specifikament fin-nuqqas ta' osservanza tal-Ligijiet, regolamenti, ordnijiet u simili li tkun segwita b'ness ta' kawzalita' minn akkadut dannuz u involontarju.

Dan ifisser li fil-materja tal-kolpuz hemm necessarjament l-element t'attivita diretta ghal xi fini partikolari, li minhabba nuqqas ta' certu prekawzjoni jistghu jigu lezi jew danneggjati jew impregudikati l-interessi ta' terzi. Il-konnotat karetteristiku tal-kulpa huwa l-prevedibilta' tal-event dannuz, li kondotta llegali ta' xi hadd tista' ggib. Din hija l-kulpa normali jew l-hekk imsejha 'colpa incosciente' a differenza minn dik imsejha 'colpa cosciente', li hija l-kulpa bl-element fiha tal-previst tal-akkadut.

Hemm diversi forom ta' kodotta kolpuza derivanti minn att ta' negligenza, imprudenza, imperizja u non ossevanza tal-ligijiet, regolamenti, ordnijiet u simili.

L-imprudenza tigi mill-agir ta' xi hadd minghajr ma jiehu l-opportuni kawteli.

In-negligenza tigi mid-disattenzjoni u disakkuratezza tal-agent fil-kondotta tieghu.

L-imperizja hija l-forma specifika tal-kulpa professjonali cioe' kif jghid **Manzini**:- "L-inettitudine e insuficienza professionale generale o specifica, nota all' agente di cui egli vuole non tener conto".

Il-kulpa tista' tkun dovuta wkoll ghal non osservanza tal-ligijiet, regolamenti, odnijiet u simili bhal ma huma l-assjem ta' regoli predisposti mill-Ordinanza tat-Traffiku –Kap 65, il-High Way Code – Motor Vegicle Regulations – bl-iskop li jigu evitati l-possibiltajiet ta' hsara u dannu lil terzi.

Il-Qorti hi ghalhekk sejra tezamina bir-reqqa x'inhuma l-ingredjenti tar-reat principali in ezami, u cioe' ta' dak kontemplat fl-**Artikolu 225 tal-Kap. 9,** u cioe' tar-reat li bih gie akkuzat l-imputat, u cioe' omicidju involontarju. L-**artikolu 225 tal-Kap 9** jiddisponi s-segwenti:

"Kull minn b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti, jikkaguna l-mewt ta' xi hadd ..."

Issa ghalhekk, wiehed irid jifli l-elementi li jikkostitwixxu dan r-reat, li huma bazikament tlieta u cioe:-
1. b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti ;

---

il-Qorti gew abbracciati fis-sentenzi tal-istess Qorti, diversament preseduta fil-kawzi fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Edward Bonnici** (27.010.2016), u **Il-Pulizija vs Rudolph Gatt** (03.02.2016), it-tnejn per Onor. Magistrat Dr. Josette Demicoli.

2. kkaguna l-mewt ;
3. fuq persuna.

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar il-21 ta' Marzu 1996 fl-ismijiet **il-Pulizija vs Richard Grech** dik il-Qorti sostniet is-segwenti:-

"Huwa mehtieg ghal kostituzzjoni tar-reat involontarju skond l-artikolu 225 tal-Kodici Penali, li tirrikorri kondotta volontarja, negligenti – konsistenti generikament f'nuqqas ta' hsieb, imprudenza fl-arti jew fil-professjoni, jew konsistenti specifikament f'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, li tkun segwita b'ness ta' kawzalita' minn event dannuz involontarju. Ghandu jigi premess li ghal accertament tal-htija minhabba f'kondotta effettivament adegwata ma' dik ta' persuna li s-sapienza umana identifikat mal- bonus pater familias, dik il-kondotta cioe' fil-kaz konfet, kienet tigi uzata minn persuna ta' intelligenza, diligenza u sensibilita normali, kriterju dan li filwaqt li jservi ta' gwida objettiva ghal gudikant, jhallieh fl-istess hin, liberu li jivvaluta d-diligenza tal-kaz konkret."

L-awtur Taljan **Giorgi** fil-ktieb tieghu **Teoria delle Obbligazione** – 1127 pagna 46 ighid:-

"La diligenza del buon padre di famiglia costituisce in criterio abbastanza indeterminate per lasciare al giudice Liberta' di valutazione".

Fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Leonard Grech** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-hamsa ta' Settembru, 1990, il-Qorti dahlet fid-dettal dwar in-natura tal-kolpa f'dawn il-kawzi. In succint fuq skorta ta' awturi u gurisprudenza, t-trepod tal-kolpa gie definit bhala:
1. la volontarieta dell'atto;
2 la mancata previsione dell'effetto nocivo;
u
3 la possibilita di prevedere.

Bhala konkluzzjoni tad-definizzjoni li din il-Qorti trid taghti lit-terminologija culpa, ghalhekk jibqa' dejjem li l-element taghha huwa <u>volontarjeta' tal-att, in-nuqqas ta' previzjoni tal-effetti dannuzi ta' dak l-att u l-possibilta' ta' previzjoni ta' dawk l-effetti dannuzi.</u> Jekk l-effetti dannuzi ma kienux prevedibbli, hlief b'diligenza straordinarja li l-ligi ma tesigix u li semmai tista' ggib culpa levissima li ma hiex inkriminabbli, ma hemmx htija. (vide **Il-Pulizija vs John Vella** deciza nhar il-15 ta' Dicembru 1958 mill-Qorti ta' l-Appelli Kriminali). [sottolinejar tal-Qorti]

X'inhu l-obbligu tas-sewwieq fil-posizzjoni tal-imputat? Ir-risposta tohrog mil-Ligi u senjatament mill-Artikoli 225 u 226. Dan jimporta li l-prosekuzzjoni trid tipprova, f'kazijiet bhal dak odjern, illi l-imputat kien kolpevoli ta' nuqqas ta' hsieb, jew ta' traskuragni jew li naqas li jhares xi regolamenti, f'dan il-kaz, r-regolamenti tat-traffiku. Il-prosekuzzjoni trid tipprova in-nexus bejn il-mewt tal-vittma u t-traskuragni tal-imputat, liema nexus irid irendi t-traskuragni l-kawza immedjata u prossima tal-effett, wara trid ukoll tipprova li t-traskuragni kienet culpable negligence u cioe' li tammonta ghal criminal misconduct. (vide **Il-Pulizija vs Manuel Schembri** deciza nhar it-28 ta' Novembru 1949 mill-Qorti ta' l-Appelli Kriminali.)

Irid jigi determinat allura jekk l-imputat kienx hati ta' xi nuqqas ta' hsieb jew traskuragni jew ta' nuqqas ta' tharis tar-regolamenti…. .""

Issir riferenza wkoll ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Aaron Camilleri et**:[83]
"Kif inghad fis-sentenza **Il-Pulizija vs Saverina sive Rini Borg et**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-31 ta' Lulju 1998, "Skond l-Artikolu 225 tal-Kodici Kriminali, sabiex jirrizulta d-delitt ta' omicidju involontarju, hemm bzonn li tirrikorri kondotta volontarja negligenti, konsistenti generikament f'nuqqas ta' hsieb (imprudenza), negligenza jew traskuragni, jew ta' hila (imperizja) fl-arti jew professjoni, jew konsistenti specifikatament fin-nuqqas ta' osservanza talligijiet, regolamenti, ordnijiet u simili, li tkun segwita b'ness ta' kawzalita`, minn akkadut dannuz involontarju".

Il-gurist **Francesco Carrara** jghid hekk dwar il-culpa, "… il tripode sul quale si aside la colpa sara` sempre questo - 1° volontarieta` dell'atto - 2° mancata previsione dell'effetto nocivo - 3° possibilita` di prevedere."[84]

Bl-istess mod, il-**Professur Anthony J. Mamo**, fin-noti tieghu, jghid hekk:

"In these definitions the essence of negligence is made to consist in the "possibility of foreseeing" the event which has not been foreseen. The agent who caused the event complained of, did not intend or desire it, but could have foreseen it as a consequence of his act if he only had minded: so his negligence lies in his failure to foresee that which is foreseeable".[85]

U fis-sentenza fuq citata, gie ritenut hekk dwar il-kondotta kolpuza:

"… kondotta kolpuza hija definita bhala kondotta volontarja li tikkaguna event dannuz, mhux volut, izda prevedibbli, li seta' jigi evitat bl-uzu ta' attenzjoni jew prudenza fi grad ta' persuna normali".

Hemm diversi forom ta' kondotta kolpuza derivanti minn att ta' negligenza, imprudenza, imperizja u non ossevanza tal-ligijiet, regolamenti, ordnijiet u simili.

L-imprudenza tekwivali ghal "un atto inconsiderato e rischioso" maghmul b' "leggerezza" jew "sconsideratezza"[86] u kif jghid **Antolisei**, "L'imprudenza e` propriamente l'avventatezza, l'insufficiente ponderazione ed implica sempre una scarsa considerazione per gli interessi altrui".[87] U kif insibu fin-**Novissimo Digesto Italiano**, "Si comporta con imprudenza che tiene una condotta positive dalla quale occorreva astenersi perche` capace di cagionare un determinate evento di danno o di pericolo, o che e` stata compiuta in modo non adatto, cosi` da essere, pericolosa per l'altrui diritto penalmente tutelato. E`, quindi, una forma di avventatezza, un agire senza cautela."[88] Bl-istess mod, fissentenza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Saverina sive Rini Borg et, fuq citata inghad illi "L-imprudenza tigi mill-agir ta' xi hadd minghajr ma jiehu l-opportuni kawteli".

[83] Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, Onor. Magistrat Dr Natasha Galea Sciberras, 25.04.2014, Kump. Nru 609/1993
[84] Carrara F., "Programma Del Corso Di Diritto Criminale", Vol. I (Parte Generale), p. 88.
[85] Prof. Sir A. J. Mamo, Lectures in Criminal Law, p. 67
[86] Dizionario Zingarelli, (2002) "Vocabalorio della Lingua Italiana", Nicola Zingarelli (Edizzjoni 12, Gunju 2001).
[87] Antolisei F., "Manuale di Diritto Penale: Parte Generale", Edizzjoni 15 (Giuffre`, 2000), p. 366.
[88] Novissimo Digesto Italiano, Vol. III, p. 548.

In-negligenza tigi mid-disattenzjoni u disakkuratezza tal-agent fil-kondotta tieghu, fil-waqt illi "l-imperizja hija l-forma specifika tal-kulpa professjonali cioe`, kif jghid il-**Manzini**: inettitudine e insufficienza professionale, generale e specifica, nota all'agente, di cui egli vuole non tener conto".[89]

Skond l-imsemmija sentenza, "Il-kulpa tista' tkun dovuta wkoll ghal nonosservanza tal-ligijiet, regolamenti, ordnijiet u simili, bhal ma huma l-assjem ta' regoli predisposti mill-awtorita` pubblika dwar xi attivita` determinata u specifika bl-iskop li jigi evitat il-possibilita` ta' hsara u dannu lil terzi, cjoe`, dawk li jkollhom l-element tal-prevenzjoni." Il-kulpa tista' tkun dovuta wkoll ghalhekk ghal non ossevanza tal-ligijiet u regolamenti bhal ma huma l-assjem ta' regoli predisposti mill-Ordinanza tat-Traffiku (Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta) u l-High Way Code – Motor Vegicle Regulations, fost regoli ohrajn.

Dwar id-diligenza rikjesta fil-kamp kriminali, il-**Professur Anthony Mamo** jghid illi "The amount of prudence or care which the law actually demands is that which is reasonable in the circumstances of the particular case. This obligation to use reasonable care is very commonly expressed by reference to the conduct of a 'reasonable man' or of an 'ordinarily prudent man', meaning thereby a reasonable prudent man: "negligence", it has been said, "is the omitting to do something that a reasonable man would do, or the doing something that a reasonable man would not do" … What amounts to reasonable care depends entirely on the circumstances of the particular case as known to the person (Carrara, Programma, § 87n.) whose conduct is the subject of enquiry. Whether in those circumstances, as so known to him, he used due care – whether he acted as a reasonably prudent man – is in general a mere question of fact as to which no legal rules can be laid down.""[90]

Illi dawn l-insenjamenti huma applikabbli ghall-artikolu 226 tal-Kodici Kriminali fejn l-persuna ghalkemm ma tkunx tilfet hajjitha, tkun sofriet xi tip ta' ferita.

Fis-sentenza **Il-Pulizija vs Mustafa Gohar**[91] gie deciz:
"Kif spjiega l-gurista taljan **Francesco Antolisei**, biex wiehed jifhem l-essenza vera tal-kolpa, wiehed irid jzomm f'mohhu li fil-hajja socjali spiss jinholqu sitwazzjonijiet li fihom attivita diretta ghal xi fini partikolari tista taghti lok ghal konsegwenzi dannuzi lil terzi. L-esperjenza komuni jew l-esperjenza teknika - cioe l-esperjenza komuni ghall-bnedmin kollha jew dik l-esperjenza ta' kategorija ta' nies li jesplikaw attivita partikolari - tghallem li f'dawn il-kazijiet wiehed ghandu juza certi prekawzjonijiet bil-ghan li jevita li l-interessi ta' l-ohrajn jigu pregudikati.

"Sorgono per tal modo, jkompli dan l-awtur, delle regole di condotta. Spesso si tratta di semplici usi sociali come, per es., quello per cui il possessore di un'arma da fuoco e' tenuto a scaricarla, quando la depone in un luogo frequentato. Non poche volte interviene lo Stato od altra autorita', pubblica o privata, a fissare queste regole, disciplinando determinate attivita', piu o meno pericolose, in modo da prevenire, per quanto e' possibile, conseguenze nocive per i terzi… Il reato colposo nasce sempre e soltanto dall'innosservanza di talune delle norme indicate. L'infrazione giustifica nei confronti dell'agente un rimprovero di leggerezza. Il giudice dice all'imputato: tu non sei stato cauto e diligente come avresti dovuto. Il rimprovero, cosi formulato, e' la conseguenza caratteristica del reato colposo,

[89] **Il-Pulizija vs Saverina sive Rine Borg**, fuq citata
[90] Lectures in Criminal Law (First Year), p. 71.
[91] Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, Nru. 107/2004, 20.11.2004, per Onor. Magistrat Dr. Consuelo-Pilar Scerri Herrera, 20.11.2004.

perche nel reato doloso il giudice rimprovera al reo di aver voluto il fatto proibito, mentre nel fatto incolpevole (il c.d. caso fortuito) nessun biasino puo muoversi all'agente. Riteniamo, pertanto, che l'essenza della colpa debba ravvisarsi nella inosservanza di norme sancite dagli usi o espressamente prescritte dalle autorita' allo scopo di prevenire eventi dannosi" [Antolisei, F., Manuale Di Diritto Penale, Parte Generale, Giuffre' (Milano), 1989, pp.322-323]

"Din il-Qorti taqbel perfettament ma din l-esposizzjoni. In fatti, l-artikolu 225 tal-Kodici Kriminali taghna jirreferi ghar-regoli ta' kondotta derivati mill-esperjenza komuni jew teknika bil-kliem 'nuqqas ta' hsieb', 'traskuragni', u 'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni', filwaqt li dawk r-regoli ta' kondotta statutorjament stabbiliti huma indikati bil-kliem 'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti'. Hu appena necessarju jinghad li b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti l-legislatur mhux qed jirreferi biss ghall-legislazzjoni sussidjarja (li tigi fis-sehh permezz ta' avvizi legali, notifikazzjonijiet tal-Gvern, ordnijiet etc.) izda ghal kull forma ta' kondotta statutorjament stabbilita, u ghalhekk qed jirreferi wkoll ghal dawk r-regolamenti promulgati minn enti privati (perez. r-regolamenti imfassla minn sid ta' fabbrika biex jipprevjeni hsara ghal kull min jahdem jew jidhol f'dik l-fabbrika).

In fatti kemm fil-**Codice Zanardelli** kif wkoll fil-**Codice Rocco**, l-espressjoni uzata hi "inosservanza di leggi, regolamenti, ordini o discipline." Il-Qorti tikkonkludi fuq dan il-punt billi tissottolinea li anke f'kaz ta' nuqqas ta' tharis ta' regolamenti l-essenza tal-kolpa hi l-istess bhal fil-kaz ta' nuqqas ta' hsieb, trasskuragni jew imperizja. In-nuqqas ta' osservanza ta' regoli stabbiliti minn xi awtorita ghat-tharis ta' terzi tammonta ghal negligenza jew imprudenza, il-ghaliex huwa certament impurdenti jew negligenti mhux biss minn jittraskura li jiehu dawk l-prekawzjonijiet indikati mill-esperjenza ordinarju tal-hajja, izda wkoll minn jittraskura li josserva dawk ilprekawzjonijiet specifikatament preskritti minn xi awtorita." [emfazi ta-Qorti]

U dik l-Qorti f'dik il-kawza kompliet hekk:
"*Kif jispjiega l-gurista **Francesco Carfora** (Digesto Italiano, Vol 7, Parte 2, v. Colpa (materia penale), Diritto Vigente, p. 775) jekk il-prudenza tikkonsisti filli persuna taghmel dak li hu ragonevolment mistenni minnha sabiex tipprevjeni l-konsegwenzi dannuzi ta' ghemilha, l-imprudenza, li hija n-negazzjoni ta' din il-virtu', tikkonsisti filli wiehed jaghmel avventatament dawk l-affarijiet li hu messu ppreveda li setghu jikkagunaw hsara. It-traskuragni, mill-banda l-ohra, timplika cert non-kuranza, certu abbandun, kemm intellettiv kif wkoll materjali. Fiz-zewg kazijiet, pero l-hsara tkun prevedibbli ghalkemm mhux prevista; kieku kienet wkoll prevista, wiehed ikun qieghed fil-kamp doluz b'applikazzjoni tad-dottrina tal-intenzjoni posittiva ndiretta.*

……Id-definizzjoni tal-**Crivellari** fil-***Codice Penale - Vol III*** hi bazata fuq l-istess postulati u hi din :
"*la colpa e la voluntarieta mancanza di previsione delle conseguenze prevedibili del proprio atto.*" (pagna 228, para. 32.).

Meta si tratta ta' colpa huwa mportanti li jigu ppruvat in-*nexus* li ghandu jezisti bejn l-att w r-risultat sabiex l-att jista jitqies kriminalment imputabbli. Huwa biss jekk jirrizulta *chain of causation* bejn l-att li holoq id-danni u d-danni rizultanti li jista jirrizulta culpa. Kif gie ***deciz nhar ssbatax ta' Mejju, 1948*** fis-sentenza **Il-Pulizija v Salvatore Camilleri per *Imhallef Harding*** li "*Such need for the existence of a chain of causation between the negligent act and the ensuing harm is a requisite for responsibility to exist.*"

Fil-fatt jkompli jghid :
"*The principle that for culpa to exist there must be the causa nexus between act and event, applies not only with regard to negligence, imprudence, carelessness and unskillfulness, in an art or profession but it is equally requisite in case of non-observance of the regulations.*"

Fil-fatt **Maino** fil-ktieb tieghu ***Commentario al Codice Penale Italiano (Vol III, 1622, pg. 286)*** jghid:
"*E concorda la gurispurdenza, sancendo che l'inosservanza dei regolamenti non basta a costruire delitto colposo quando fra le inosservanza dei regolamenti e' l'evento funesto non siavi il messa di causalita.*"

Jerga jigi ribadit li l-Meteorological Office ma jsemmi ebda buffura jew tromba tal-arja wara il-hin tal-5 ta' filghaxija, anzi r-rih baqa jnaqqas fl-intensita` tieghu hekk kif jixhed id-dokument a fol. 73. L-istess dokument juri li bejn 12:00-15:00 GMT (2pm-5pm)[92] ir-rih kien dar Majjistral u telgha minn Forza 2-3 ghall-forza 5. Bejn il-5pm u 11pm (15:00-21:00) il-forza prevalenti tar-rih kienet dik ta' forza 5 deskritta bhala *'fresh breeze'* b'wind speed ta bejn 17-21 knots fid-dokument a.fol 74 li jkompli jindika li 'on land' dan kien rih li jista' jigi deskritt bhala *'small trees in leaf begin to sway' u cioe' li* ***sigar zghar*** *bil-weraq jibdew* ***jiccaqalqu minn naha ghall-ohra*** Wiehed irid iqis ukoll li ghalkemm il-post tal-party kien 'on land' dan kien f'post espost ghall-elementi, fejn mhemmx x'jilqa, sitwat mal-bahar fejn b'hekk ir-rih ikollu effetti aktar qawwijin. Jidwu dak li xehed l-Inginier *"Le, bazikament ghandhek ir-rih li gara tossilla u tista' tossilla b'tali mod illi taqbez is-center of gravity u mbaghad tinqaleb."*[93] Ghalhekk jekk ir-rih seta' jossilla sigar zghar fuq l-art, kemm aktar seta' jossilla struttura mghobbija bi 15 il-spotlight tnejn minnhom kbar biex b'hekk irrizultat struttura b'centre of gravity gholi izda b'base zghir fejn u ghalhekk kien aktar aktar suxxettibli ghall-irjihat li kull ma jmur bejn il-2pm u 2am[94] baqaw izidu fl-intensita` sakemm naqsu ghal forza 4 sas-2am? Fuq kollox ma jridx jintnesa dak li kkonstata l-Perit Richard Aquilina li **dak in-nhar tal-incident kien rih qawwi u li kien qed jonfoh minn wara l-palk u ghaldaqstant minn war l-istruttura armata kif inghad, il-quddiem u cioe' lejn in-nies!**[95]

Illi certament kien hemm zmien bizzejjed sabiex tenut kont li r-rih baqa' jzid fil-kors tal-gurnata jittiehdu dawk il-mizuri kollha ta' prekawzjoni sabiex l-istruttura ma teghlibx, imqarr b'kontra piz jekk ma kienx possibli li l-kolonni vertikali jintrabtu mal-art jew ma xi post fiss iehor. Jekk dan ma kienx lanqas possibli kellhom jittiehdu mizuri ohrajn sabiex il-folla titbieghed izjed minn fejn kienet u cioe` il-boghod minn *harm's way* bhal per ezempju jintuzaw *barriers* aktar l-isfel mill-palk sabiex in-nies ma jkunux taht l-istruttura.

Il-Qorti tinnota li mid-dokument imsemmi jirrizulta li li mill-5pm kien ga lahaq **forza 5** ir-rih mill-**majjistral** u bejn it-8pm u il-11pm kien tela' minn **forza 4 ghal forza 5,** bl-incident isehh ftit qabel id-9pm ghalkemm il-party beda fl-4pm. Ghalhekk certament

[92] Malta tinsab fil-Central European Time (CET) zone u ghalhekk il-hin fi zmien is-sajf b'daylight saving, li jispicca fl-ahhar Hadd ta' Ottubru, ikun dak ta' *GMT +2 hrs*
[93] Fol.106
[94] 12:00 GMT sa 24:00 GMT.
[95] Fol.40

filwaqt li mal-gurnata ir-rih kien bejn forza 2-3 u varja minn **nofsinhar il-lbic ghal nofsinhar ix-xlokk**, bejn is-2pm u l-5pm kien dar minn nofsinhar forza 3 ghal **majjistral forza 5. Tqis li anke mill-fatt li r-rih beda jintensifika kif ukoll kien qed iddur u jibdel id-direzzjoni, l-istabbilita` tal-istruttura kellha terga tigi evalwata biex jigi accertat li ma hemmx perikli**. Il-fatt li l-istruttura kienet lahqet intremat fuq fil-post fil-lejl ta' qabel l-event (13 ta' Settembru, 2008)[96] ma kienitx timpedixxi li fil-kors tal-gurnata jittiehdu dawk il-mizuri ohra biex tissahhah l-istabbilita` taghha, u senjatament tenut kont li ghall-habta tal-**5pm kienet registrata buffura li tlahhaq il-Forza 7 ta' 32 knots, deskritta bhala "Gale Force" fid-dokument a fol.74.**

Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet l-akkuza migjuba fil-konfront tal-imputat tirrizulta ppruvata sal-grad rikjest mill-ligi.

Illi dwar il-piena li ghandha tigi inflita l-Qorti ddeliberat fit-tul. Ikkunsidrat li l-piena qatt ma ser isservi sabiex titpatta l-hsara li ggarbet mill-vittmi kawza tas-sinistru. Il-piena ghandha tirrifletti fuq l-grad ta' negligenza riskontrata fl-agir li l-imputat, stante li jista jaghti l-kaz li din, ghad li tkun ta' natura kriminuza, pero ma tilhaqx dak l-grad li timmerita piena restrittiva tal-liberta personali.

Ssir riferenza ukoll ghas-sentenza **Il-Pulizija vs Francis Mamo**:
Fil-verita l-iskop tal-piena mhuiex wiehed ta' tpattija. Huwa ben stabbilit li l-piena m'ghandhiex isservi bhala xi forma ta' vendikazzjoni tas-socjeta` fil-konfront tal-hati. Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu importanza, fost affarijiet ohra, kemm ir-rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll ir-riforma tal-istess hati.

Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta`. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b'ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta` dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic-cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena.[97]

Illi huwa propju ghalhekk illi ghal kull reat il-Ligi ma tistipulax piena fissa imma tistipula minimu u massimu; jispetta lill-Qorti biex fid-diskrezzjoni taghha, u entro dawk il-parametri, teroga dik il-piena permezz ta' liema, skond ic-cirkostanzi ta' kull kaz, tipprova ssib dak il-bilanc gust bejn d-diversi skopijiet li ghandhom jintlahqu……

Illi huwa car li l-imputat mhux persuna ta' kondotta vjolenti jew li ghandu bzonn ta' xi tip ta' riforma fil-karattru tieghu; dan pero ma jfissirx necessarjament li huwa m'ghandux jinghata piena karcerarja jekk hija din il-piena li tohloq dak il-bilanc gust bejn id-diversi skopijiet li jridu jintlahqu permezz taghha, inkluz dak li tibghat messagg car li jservi ta' deterrent.[98]

---

[96] Fol.337
[97] **Ir-Repubblika ta' Malta vs Rene sive Nazzareno Micallef,** Appell Kriminali, Dec. 28.11.2006.
[98] **Il-Pulizija vs Antoine Cassar,** Appell Kriminali, Dec. 22.09.2009.

Illi fil-kaz in ezami l-imputat m'ghandux l-iskuza ta' l-inesperjenza jew il-blugha taz-zghozija; huwa ragel adult u ta' certa esperjenza li pero ghazel li jinjora dak li din l-esperjenza bil-fors kienet ghallmitu;….[99]

Illi jinghad ukoll li din il-Qorti mhix qeghda hawn sabiex tillikwida d-danni sofferti mid-diversi persuni primarjament mill-parte civile Vladyslava Kravchenko, minkejja li hija konxxja taghhom. Tali lament *se mai*, ghandu jigi ndirizzat fil-Qorti Civili idoneja. B'danakollu il-Qorti qeghda tirrikonoxxi li l-ferita gravi li soffriet il-parte civile Vladyslava Kravchenko minkejja n-natura involontarja tal-offiza, fejn illum din it-tfajla tinsab issoffri minn dizabilita` permanenti ta' 75 fil-mija, kellha konsegwenzi serjissimi minhabba l-imperizja u n-negligenza tal-imputat. L-agir tal-imputat wassal ukoll sabiex diversi kienu dawk il-persuni zaghzagh li soffrew feriti hfief, u ghalhekk il-konsegwenzi setghu kienu ferm aktar dizastruzi. Kien minhabba t-temp ikrah li hakem dak il-jum li wassal sabiex, kuntrarjament ghall-avvenimenti ohra simili li kienu gew organizzati, fortunatament l-attendenza kienet wahda zghira.

Illi gie kkunsidrat ukoll li ghalkemm l-imputat ma nghata ebda akkuza li huwa recidiv, kif jirrizulta mill-fedina penali esebita f'dawn l-atti, din mhix l-ewwel darba li l-imputat xellef duffrejh mal-gustizzja u ghalhekk il-Qorti ma tistax titratta mieghu bhala *first time offender.*

Illi tenut kont ta' dan fid-dawl ta' dak kollu hawn suespost il-Qorti hija tal-fehma li l-unika piena li tista' taghti hija wahda karcerarja

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti wara li rat l-artikoli 17 u 226(1)(a)(c) tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal ghaxar xhur prigunerija.

Inoltre` bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 533 tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta qeghda tordna lill-hati jhallas l-ammont ta' €940.94 rapprezentanti sejjez peritali. F'kaz li tali ammont jew parti minnu ma jithallasx ghandu jigi konvertit fi prigunerija ai termini tal-ligi.

Fl-ahhar nett din il-Qorti ma tistax ma tosservax li avvenimenti simili ghandhom ikunu sorveljati rigorozament ghal dak li jirrigwarda s-sahha u s-sigurta`. Huwa dmir tal-awtoritajiet li jassiguraw rwiehom li minn jippatrocinja avvenimenti u partikolarment events tal-massa, li jkunu frekwentati minn mijiet jekk mhux eluf ta' persuni fosthom zaghzagh anke minuri, ghandhom jinghataw il-permessi mehtiega biss kemm il-darba jkunu gew certifikati bhala nieqsa minn perikli u wara jkunu gie acceratat li ttiehdu l-prekawzjonijiet kollha permezz ta' *risk assessments* u skrutinju skrupoluz. Huwa ta' ghajb li persuna tkun qeda f'post ta' divertiment u intortament tispicca tkorri b'hajjtiha tinbidel mil-lejl ghan-nhar. Certament hu opportun, anzi imperattiv, li l-isforzi kommendibbli tal-awtoritajiet sabiex tigi mharsa u nfurzata s-sahha u s-sigurta` fuq il-post tax-xoghol issa jigu riflessi w estizi anke ghall-qasam tad-divertiment u ta'

[99] Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, per Onor. Magistrat Dr. Doreen Clarke, Dec. 14.02.2013; Kump. Nru.711/2008

rekrejazzjoni biex incidenti tant koroh li ta' spiss nisimghu dwarhom, kawzati minn perikli gratwiti, jigu evitati.

**Dr Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law).**
**Magistrat**